MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Numru. 143/2002

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)
vs
Karl Stivala, Ludvic Cassar,
Jack Walker u Jonathan Borg

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Karl Stivala u Ludvic Cassar, li permezz taghhom huma gew akkuzati :

Lil Karl Stivala, Jack Walker u Jonathan Borg talli :

F’Paceville limiti ta’ San Giljan nhar is-26 ta’ Jannar, 2002 ghall-habta tas-1.15a.m. ikkommettew serq ta’ somma flus ta’ madwar LM450 mill-fond Mongolian Barbeque Restaurant sitwat fi Triq  Wilga, liema serq huwa

kkwalfikat bil-vjolenza, mezz, valur u hin u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta’ l-istess fond;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil diversi impjegati ta’ l-istess Restaurant kontra l-volonta taghhom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta’ serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Lil Karl Stivala u lil Jonathan Borg wehedhom talli :

Fis-Swieqi nhar is-7 ta’ Frar, 2002 ghall-habta tas-6.55p.m. ikkommetta serq ta’ somma flus ta’ madwar LM300, u kif ukoll oggetti ohra mill-ispizerija bl-isem “Penny Lane Pharmacy” sitwata fi Triq is-Sejjiegh, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenz, mezz, valur u hin u li sar ghad-detriment ta’ Claudia Bugeja;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Claudia Bugeja kontra l-volonta taghha;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta’ serq kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazjzoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Lil Karl Stivala flimkien ma Ludvic Cassar talli :

F’San Giljan nhar it-18 ta’ Frar, 2002 ghall-habta tas-2.30a.m. ikkommettew serq ta’ somma flus ta’ madwar LM300 mill-“Mire-Mare Hotel” sitwata fi Triq il-Kbira, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur u hin, u li

sar ghad-detriment tal-propetarji ta' l-istess fond u persuni ohra;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Carl Zahra u lil George Fenech kontra l-volonta taghhom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kienu qed jaghmlu delitt ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Lil Karl Stivala wahdtu talli :

F'Tas-Sliema, nhar l-4 ta' Frar, 2002 ghall-habta ta' l-5.15p.m. ikkommetta serq ta' somma flus ta' LM125 mill-ispizerija li ggib l-isem ta' "Samuel's Pharmacy" sitwata fi Triq Depiro, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u hin u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess spizerja u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awotirita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jaresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Karl Demarco u Dolores Rose Mifsud kontra l-volonta taghhom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

U aktar talli fis-Swieqi, nhar it-13 ta' Frar, 2002 ghall-habta ta' 12.30p.m. ikkommetta serq ta' somma flus ta' madwar LM800 mill-Banka tal-Lottu numru 182 sitwata fi Triq il-Ktajjen, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur u li sar ghad-detriment tal-propjetarji ta' l-istess Banka tal-Lottu;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatment hawn fuq imsemmija bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Daniela Vella kontra l-vonolta taghhom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar, jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Lil Karl Stivala, Ludvic Cassar, Jack Walker u Jonathan Borg lkoll akkuzati :

Talli fit-23 ta' Frar, 2002 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghndhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Finalment ilkoll talli fil-perjodu fuq imsemmija, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, garrew jew zammew arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummssarju tal-Pulizija;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' April, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputat Karl Stivala biss :

(a) Fl-Artikoli 261 (a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 330, 279(a), 280, 281 u 334 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 278, 279(a), 281 u 334 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 66.
(d) Fl-Artikoli 20, 17(b), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta' Ludvic Cassar biss :
(a) Fl-artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 276, 277, 278, 279(a), 281, 334, 20, 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 66;

Rat il-verbal taghha tas-17 ta' Mejju, 2002 li permezz tieghu ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju b'dan illi l-kaz fil-konfront tal-imputati Karl Stivala u Ludvic Cassar kellu jinstema ghalih separatament mill-kaz kontra l-imputati Jack Walker u Jonathan Borg.

Semghet liz-zewg imputati Karl Stivala u Ludvic Cassar iwiegbu li ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet lill-imputati Karl Stivala u Ludvic Cassar volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dana waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu, 2002.

Il-Qorti tirrileva illi matul din is-seduta z-zewg imputati kienu assistiti mill-Avukati difensuri taghhom.

Taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputati Karl Stivala u Ludvic Cassar ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom issib lil dawn iz-zewg imputati **hatja** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrihom u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-22 ta' April, 2002.

Rat il-"pre-sentencing inquiry report"ipprezentat mill-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon fil-konfront tal-imputat Ludvic Cassar u dana fuq nomina ta' din il-Qorti wara talba tad-difiza.

Illi fil-konfront tal-imputat Ludvic Cassar irrizulta mill-pre-sentencing inquiry report illi dan l-imputat illi ghandu fedina penali netta kellu xi problemi ma ommu matul tfulitu peress illi kienet tiddixxiplinah. Missieru kien ikun dejjem imsiefer fuq xoghol. Huwa ma tantx ha xi interess specjali fi skola, pero' illum il-gurnata ghandu impieg fiss ma' Lucas Borg, proprjetarju tar-restaurant "The Bar", il-Balluta u Lucas Borg jghid illi ghandu fiducja fl-imputat u illi huwa kuntent hafna bih f'xogholu. Jirrizulta illi Ludvic Cassar qabad kumpannija hazina u illi kienu hbiebu illi resquh fit-triq il-hazina. Jirrizulta ukoll illi illum il-gurnata

Ludvic Cassar ghamel kambjament u qieghed jaghmel sforz genwin sabiex jaqbad it-triq it-tajba.

Illi jirrizulta wkoll illi l-imputat Ludvic Cassar ikkopera ferm matul l-investigazzjoni, fil-fatt huwa irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn ammetta l-involviment tieghu fir-reat in kwistjoni. Jirrizulta wkoll illi dan l-imputat ghamel dak illi ghamel sabiex jitkessah quddiem shabu u effettivament huwa ma ried xejn mill-flus illi insterqu dikinhar in kwistjoni.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u dana fil-konfront tal-imputat Ludvic Cassar. Il-Qorti tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju jekk dan l-imputat jibqa sejjer fit-triq it-tajba illi jidher illi huwa diga qabad. Ghaldaqstant il-Qorti wara illi rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundanna lil dan l-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda taghmel ukoll fil-konfront tal-imputat Ludvic Cassar ordni ta' supervizzjoni ai terminu tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 illi permezz tieghu qeghda tqieghed lil dan l-imputat that is-supervizzjon tal-Ufficjal Sorverjanti Marietta Lanzon ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Il-Qorti qeghda minnufih taghti kopja ta' din l-ordni ta' Supervizzjoni lill-Ufficjal Sorveljanti Marietta Lanzon.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9.

Il-Qorti qeghda tispjega wkoll lil dan l-imputat l-effetti ta' din l-ordni ta' supervizzjoni.

Illi fil-konfront tal-imputat Karl Stivala l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi dan l-imputat kien minorenni meta ikkommetta r-reat in kwistjoni, il-fatt illi huwa ikkopera ferm mal-pulizija matul l-investigazzjoni, tant illi kien hu stess illi qalilhom b'reati li kien ikkommetta u li l-pulizija lanqas biss kienu

jafu dwarhom, il-fatt illi irrilaxxja stqarrija fejn ammetta l-involviment kollu tieghu fir-reati mal-pulizija, il-fatt illi huwa irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu f'dawn il-proceduri, il-fatt illi r-refurtiva giet irritornata, kif ukoll il-fatt illi Karl Stivala illum il-gurnata ghandu impieg fiss u ghaldaqstant ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikoli 37 u l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qeghda tikkundanna lil dan l-imputat ghall-sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mill-lum u qeghda taghmel ukoll fil-konfront tal-imputat Karl Stivala ordni ta' supervizzjoni li permezz tieghu, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9, qeghda tqieghdu taht is-sorveljanza tal-Ufficjal Sorveljanti Marietta Lanzon ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara illi qeghda minnufih taghti kopja ta' din l-ordni ta' supervizzjoni lil Marietta Lanzon.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti tiddikjara wkoll illi hija spjegat lill-hati bl-import legali ta' din l-ordni ta' supervizzjoni.

Finalment, il-Qorti rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tordna lill-hati Ludvic Cassar sabiex ihallas kwart mill-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz u dan fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat sabiex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati Karl Stivala sabiex, fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti, jhallas kwart mill-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------